**PARROĊĊA TA' SAN PIETRU U SAN PAWL • In-Nadur • Għawdex**
*Uffiċċju: 21551649 • Dar Parrokkjali: 21560501 • www.nadurparish.com*

**14 ta' Mejju, 2023**

# ĠIEĦ LILL-OMM

Dan il-Ħadd qegħdin niċċelebraw Jum l-Omm. Sibt żewġ ħsibijiet li ta' min jaqrahom f'din l-okkażjoni. Is-silta li ġejja sibtha fid-*Diary of a Soul* tal-Papa Ġwanni XXIII, illum qaddis. Mela fid-29 t'Awwissu, 1900 kien qiegħed għall-vaganzi għand ommu. Fid-djarju li kien iżomm kiteb li jiddispjaċih għax kien żorr m'ommu: "This evening there was an incident which made a profound and painful impression on me. My mother was rather hurt by something I said (which I confess, might have been put more gently) rebuking her curiosity about a certain matter… O mother, if you only knew how much I love you, and how I long to see you happy, you would not be able to contain your joy".

Il-ħsieb l-ieħor li xtaqt naqsam magħkom f'din l-okkażjoni ta' Jum l-Omm huwa ta' waħda omm Musulmana li kitbet lit-tifel. Dawn huma ftit mill-ħsibijiet tagħha lilu:



"I am your mother and will always be, little man, from the cradle to the grave.
Even if we are separated we remain united.
Your belly was in my belly, your heart was in my heart, your breath was in my mind.
In the dept of your heart there is the echo of my own voice.
For you I am always the Source, the origin, the base".

Ejjew f'dan il-jum nitolbu għall-ġenituri tagħna, sew jekk mietu u wkoll jekk għadhom magħna.

L-esperjenza u l-ommijiet stess jgħidulna li l-iktar ħaġa li l-ommijiet jistennew mingħandna l-ulied hija li aħna nimxu fuq l-eżempju li tawna. L-iktar ħaġa li tagħtihom gost hija li wliedhom jgħixu fil-ftehim. L-iktar ħaġa li tagħmilhom kburin b'uliedhom hija meta dawn ikomplu jiftakru u jgħixu għal ħajjithom kollha l-ħajja Nisranija, il-ħajja fi Kristu.

***L-Arċipriet Jimmy Xerri***

## L-AVVIŻI:

**IR-RITRATTI TAL-GRIŻMA:** infakkrukom li r-ritratti tat-tfal tal-Griżma ser jittieħdu għada t-Tnejn 15 ta' Mejju, fis-Sala Parrokkjali bejn il-5:00pm u s-7:00pm.

**LAQGĦA FUQ L-ISPIRITWALITÀ TA' DUN MIKIEL ATTARD:** nhar l-Erbgħa 17 ta' Mejju, fil-knisja Bażilika tan-Nadur. Il-laqgħa titmexxa mill-Kan. Dun Reuben Micallef u ser tkun tikkonsisti f'riflessjoni ta' Dun Mikiel fuq ir-Rużarju, wara nirreċitaw posta Rużarju u fi tmiem il-laqgħa Fr George Oscar Buttigieg OFM Conv. ser ikellimna fuq l-esperjenza u l-konoxxenza tiegħu ta' Dun Mikiel. Tibda fis-6:15pm. Kulħadd huwa mistieden. Din tkun imxandra wkoll diretta fuq *Mnarjalive.*

**L-GĦAQDA DUN FRANĠISK GRIMA:** tavża li nhar il-Ħamis 18 ta' Mejju ser iżuru s-Santwarju tal-Madonna tal-Kunċizzjoni u l-Kappella tal-Madonna tal-Blat. Wara għal Ħondoq. Tluq fid-9:30am minn ħdejn iċ-Ċentru. Min hu interessat iċempel lil Tonina fuq 21553041 jew 79923153.

**ĠABRA GĦALL-BANED TAL-FESTA:** minn nhar il-Ġimgħa 19 ta' Mejju u l-ġranet ta' wara, il-kumitat tal-Banda ser joħroġ jagħmel it-tieni u l-aħħar ġabra bieb bieb għall-baned tal-festa. Il-Banda Mnarja għandha bżonn il-flus biex tagħmel festa li tixraq lill-Appostli San Pietru u San Pawl. Nitolbukom tkunu ġenerużi.

**RUŻARJU FIL-BERAĦ:** nhar il-Ġimgħa 19 ta' Mejju fi Triq Għajn Berta fl-inħawi ta' Triq San Blas, fis-6:00pm. Kulħadd huwa mistieden jieħu sehem.

## Ħin tal-Quddies

**Ħdud u Festi:** 5:30am; 6:30am; 8:30am; 9:45am; 11:00am; 5:00pm; 7.00pm
**Mit-Tnejn sas-Sibt:** 5:30am; 6:15am; 7:00am; 7:45am; 9:00am; 5:00pm; 7:00pm
**KNISJA TAL-QALB TA' ĠESÙ: matul il-ġimgħa:** 11.00am **il-Ħadd:** 7.00am
**KAPPELLA TAS-SORIJIET: matul il-ġimgħa:** 6.30am **il-Ħadd:** 6.15am; 10:15am (bl-Ingliż)
**KAPPELLA SANTA TEREŻA TA' KALKUTTA: il-Ħadd:** 7.30am